# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 144/2021 GM**

**John Cassar (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 436455M)**
**vs**
**Brandon Piscopo (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 301697M)**
**Clifton Piscopo (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 158194M)**
**Jaroslav Starjat (Slovak ID: EC522892)**
**L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' John Cassar li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. L-attur huwa s-sid tal-vettura tal-għamla Mercedes Benz E22O AMG sport cdi bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN 055, illum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092tas-sena ta' manifattura 2014; Dokument anness JC 1.

2. L-attur kien tefa' din il-vettura għall-bejgħ fuq maltapark.

3. Il-konvenut Jaroslav Starjat qallu li sablu l-bejgħ tagħha u li kien ħa jgħaddilu tmienja u għoxrin elf ewro tagħhom (€28,000) bir-revolut; mar mal-attur il-bank biex iġibu l-Iban, bena relazzjoni ta' fiduċja mal-attur, u saħansitra fornieh b'dokument li juri li għamillu t-transfer tal-flus fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf (€28000) bir-revolut; kopja tad-dokument anness Dokument JC2.

4. L-esponenti fuq talba tal-konvenut iffirma l-logbook, għaddielu ċ-ċwievet; u kien biss ftit jiem wara li nduna li l-flus ma għaddewx u hemmhekk prova jikkuntattja lill-konvenut Jaroslav iżda dan għosfor.

5, L-esponenti sar jaf li l-konvenut Jarsolav huwa reċidiv u kien diġa' tressaq fuq serq; sentenza annessa Dokument JC3.

6. L-attur sar jaf li l-vettura kienet fit-triq u reġistrata fuq il-konvenut l-ieħor Clifton Piscopo u l-logbook ġie proċessat sabiex isir transfer allavolja ma ġiex iffirmat quddiem xhud;

7. Għalhekk jirriżulta li l-awtorita' konvenuta ma użatx il-mezzi disponibbli għaliha sabiex tivverifika fl-ewwel lok ta' min kienet il-vettura, u wkoll sabiex tara li l-firem fuq id-dokumenti kien debitament awtentikati minn persuni kompetenti, u għalhekk l-attur jikkontendi li kull dokument li ġie proċessat mill-Awtorita' konvenuta kien effett ta' ingann u frodi prattikati mill-konvenuti, li approfittaw ruħhom mill-prattika u proċedura da parte tal-Awtorita' konvenuta, kemm minħabba n-nuqqasijiet tal-adetti tagħha, u kif ukoll minħabba laxkezza fil-proċedura sabiex tiġi reġistrata reġistrazzjoni ta' vettura, (u dan konsistenti kemm fin-nuqqas li ssir verifika mas-sid tal-vettura qabel ma jsir trasferiment, kemm minħabba nuqqas ta' awtentikazzjoni tal-firem neċessarji tal-persuni relattivi u sabiex issir it-trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-vettura) b'dan allura li kull reġistrazzjoni tal-istess vetturi li ma saritx quddiem xhud u fiċ-ċorkostanzi tal-każ hija nulla u effett.

8. Kien f'dan l-istadju li l-attur għamel sekwestru fuq l-imsemmi konvenut Clifton Piscopo iżda ma kkommunika ħadd miegħu għajr pulizija mill-għassa ta' Ta' Sliema li qaltlu li l-konvenut Piscopo inkwietat ħafna u biex ikellmu.

9. L-attur għamel diversi rapporti l-għassa, d-depot u saħansitra kiteb lil Pulizija iżda ħadd ma taħ assistenza għax qalulu li l-każ tiegħu huwa wieħed ta' mertu ċivili.

10. Ftit jiem wara l-esponenti sar jaf minn fuq facebook li l-vettura kienet fil-pussess ta' ċertu Brandon Piscopo; li saħansitra tella' ritratti tagħha bin-number plate tiegħu JHN 055 fuq il-facebook tiegħu; ara Dokument JC4.

11. Sussegwentement il-konvenut Brandon Piscopo biddel in-number plate tal-karozza u għamlu KAYDON 12 u reġa' tella' ritratt tagħha fuq il-facebook fost ritratti varji; ara Dokument JC 5.

12. L-attur qatt ma ffirma l-logbook quddiem ebda xhud u għalhekk it-transfer tal-vettura huwa null peress li l-logbook ma ġiex iffirmat quddiem ebda xhud u l-karozza biddlet l-idejn mingħajr lanqas biss għaddew flus jew sar transfer skont il-liġi iżda bi frodi tad-drittijiet tal-attur.

13. Din il-vettura hija proprjeta' tal-attur u l-attur għandu interess illi jirkupraha lura - peress li allavolja saħansitra għamel sekwestri fuq il-konvenuti kollha, ma ġie depożitat ebda ċedola u wisq inqas xi ħadd mill-konvenuti ma avviċina lill-attur sabiex iħallsu s-somma ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000).

14. L-attur tenut kont iċ-ċirkostanzi ma kellu l-ebda għażla għajr li jagħmel kawża għar-ripresa tal-pussess tal-vettura quo agitur, u sabiex id-dokumenti, li wasslu sabiex dik il-vettura spiċċat reġistrata fuq isem l-konvenuti jew minn minnhom jiġu ddikjarati nulli u sabiex jiġi ordnat il-konsegwenzjali kanċellament tagħhom, kif ukoll sabiex jiġi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni konsegwenzjali.

15. Għalhekk kellha ssir dan il-kawża tenut kont illi l-vettura ma hijiex fil-pussess tal-attur; tenut kont anki li sar u diversi mandati ta' sekwestru fuq il-partijiet u sal-lum ma hemm depożitati ebda ċedoli u wisq inqas ma sar kuntatt mal-esponenti u l-vettura hija proprjeta' tal-attur.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-bejgħ tal-vettura Mercedes Benz E220 AMG sport cd llum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magnadiesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta' manifattura 2014 huwa null;

2. Tiddikjara u tiddeċidi illi kwalunkwe dokument li ġie pproċessat mill-Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta fil-konfront tal-vettura tal-għamla Mercedes Benz E220 AMG sport cdi bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN 055, illum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta’ manifattura 2014 huwa null u bla effett stante li dan sar b'ingann u frodi;

3. Tordna lill-Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex fi żmien qasir u perentorju tad-deċiżjoni tikkanċella kwalunkwe dokument li ġie pproċessat u li nħareġ fil-konfront tal-vettura tal-attur tal-għamla Mercedes Benz E220 AMG sport cdi bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN 055, illum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta’ manifattura 2014;

4. Tiddikjara li l-attur huwa s-sid tal-vettura Mercedes Benz E220 AMG sport cdi llum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta’ manifattura 2014;

5. Tawtorizzah jieħu lura l-pussess tal-istess Mercedes Benz E220 AMG sport cdi bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN 055, illum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON l2, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta’ manifattura 2014;

6. Tordna li l-vettura Mercedes Benz E220 AMG sport cdi bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN 055, illum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12 qabel b’numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta’ manifattura 2014 tiġi rilaxxata fil-pussess tal-attur;

7. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

8. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi.

9. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma li qed tiġi hekk likwidata.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-Awtorita' rispondenti tiċħad bl-iżjed mod kategoriku u assolut illi l-vettura tal-għamla 'Mercedes Benz' bin-numru ta' reġistrazzjoni JHN-055 ġiet trasferita minn fuq isem ir-rikorrent għal fuq isem l-intimat Clifton Pisani "minħabba nuqqasijiet tal-addetti tagħha u kif ukoll minħabba laxkezza fil-proċedura sabiex tiġi reġistrata reġistrazzjoni ta' vettura" u qiegħda minn issa żżomm id-drittijiet tagħha kollha fil-konfront tar-rikorrent f'każ li huwa jonqos milli jirtira formalment tali allegazzjonijiet minnu ventilati fil-konfront tagħha. Għall-kuntrarju r-reġistrazzjoni ta' din il-vettura ġiet trasferita minn fuq isem ir-rikorrent bħala l-bejjiegħ għal fuq isem Clifton Pisani bħala x-xerrej skont il-prattika stabbilita, liema prattika ilha titħaddem b'suċċess għal snin twal, bil-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa inkluż tal-logbook relattiv għall-imsemmija vettura illi fuqu kien hemm il-firem tar-rikorrent bħala l-bejjiegħ, tal-intimat Clifton Piscopo bħala x-xerrej u tal-intimat l-ieħor Brandon Piscopo bħala x-xhud tal-firem. L-Awtorita' ma kellha assolutament ebda raġuni biex taħseb illi kien hemm xi ħaġa irregolari fir-reġistrazzjoni ta' dan it-trasferiment li bħalu hija tagħmel eluf kull xahar, u jekk kien hemm xi ħaġa irregolari dan ċertament li ma kienx minħabba xi nuqqasijiet tal-addetti tal-Awtorita' rispondenti jew ta' laxkezza fil-proċeduri iżda ċertament għal raġunijiet oħra illi għalihom l-Awtorita' rispondenti hija kompletament estranea. Illi bl-istess mod u għall-istess raġunijiet l-Awtorita' rispondenti qiegħda tiċħad bl-iżjed mod kategoriku l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrent fir-Rikors Ġuramentat promotur illi hija naqset milli tivverifika ta' min kienet verament il-vettura u li tivverifika l-veraċita' tal-firem. Fil-mument illi l-vettura in kwistjoni ġiet trasferita fid-29 ta' Jannar, 2021 tali vettura kienet reġistrata f'isem ir-rikorrent u l-log-book illi ġie ppreżentat lill-Awtorita' sabiex isir it-trasferiment kien juri isem, kunjom, numru tal-karta tal-identita' u firma ta' 'John Cassar' li kien reġistrat mal-Awtorita' rispondenti bħala s-sid tal-vettura u peress illi l-log-book kien preżentat kif għandu jiġi ppreżentat għall-finijiet ta' reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' vettura u peress illi ma kien jirriżulta ebda impediment biex tali vettura tiġi trasferita, l-Awtorita' rispondenti pproċediet regolarment biex titrasferixxi l-vettura in kwistjoni minn fuq isem ir-rikorrent għal fuq isem l-intimat Clifton Pisani skont prattiċi stabbiliti illi ilhom jitħaddmu għal bosta snin f'għexieren t'eluf ta' trasferimenti ta' vetturi u dan bil-preżentata taċ-ċertifikat

tal-assigurazzjoni (hawn annessbħala Dok.'A' u l-log-book bl-isem, kunjom, numru tal-Karta tal-Identita' u l-firma tal-Bejjiegħ, ix-Xerrej u x-Xhud (hawn anness bħala Dok"B').

2. Fir-rigward tal-ewwel sitt talbiet attriċi, l-Awtorita' rispondenti m'għandha xejn aktar x'iżżid mas-suespost ħlief li ovvjament hija m'għandha ebda interess de proprio u li, bħal dejjem, l-uniku interess tagħha huwa li tobdi kwalsijasi ordni jew provvediment li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti u li taġixxi dejjem skont id-dettami tal-liġi u skont l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Fir-rigward tal-seba', tmien u disa' talba attriċi, in kwantu dedotti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti, dawn qed jiġu fermement opposti stante illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex responsabbli għall-ebda danni li seta' sofra r-rikorrenti u dan għar-raġunijiet fuq imfissra u kif se jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

4. L-Awtorita' rispondenti m'għandha tbati ebda spejjeż relattivi għal din il-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Brandon Piscopo li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li Brandon Piscopo ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, fil-konfront tal-imsemmija vettura Mercedes Benz E220 bir-reġistrazzjoni KAYDON l2, ġja JHN 055.

2. Mingħajr preġjudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-bejgħ tal-vettura in kwistjoni mhix nulla.

3. It-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li d-dokumenti pproċessati ma humiex nulli.

4. It-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li d-dokumenti proċessati ma sarux b'irregolarita'.

5. Ir-raba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-attur mhuwiex s-sid tal-vettura in kwistjoni.

6. Il-ħames talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-attur ma għandu l-ebda dritt jingħata pussess tal-vettura in kwistjoni li tagħha ma għadux is-sid.

7. Is-sitt talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-ħames u s-sitt talba attriċi huma sempliċi elaborazzjoni u varjant tal-istess talba, u fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda raġuni legali għalfejn l-attur għandu jingħata l-pussess tal-vettura in kwistjoni.

8. Is-seba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni Brandon Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur.

9. It-tmien talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni, Brandon Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur.

10. Id-disa' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni, Brandon Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Clifton Piscopo li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li Clifton Piscopo ma għandu l-ebda relazzzjoni ġuridika mal-attur, fil-konfront tal-imsemmija vettura Mercedes Benz E220 bir-reġistrazzjoni KAYDON l2, ġja JHN 055;

2. Mingħajr preġjudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-bejgħ tal-vettura in kwistjoni m’hix nulla;

3. It-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li d-dokumenti pproċessati ma humiex nulli;

4. It-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li d-dokumenti proċessati ma sarux b'irregolarita`;

5. Ir-raba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-attur mhuwiex s-sid tal-vettura in kwistjoni;

6. Il-ħames talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-attur ma għandu l-ebda dritt jingħata pussess tal-vettura in kwistjoni li tagħha ma għadux is-sid;

7. Is-sitt talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li l-ħames u s-sitt talba attriċi huma sempliċi elaborazzjoni u varjant tal-istess talba, u fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda raġuni legali għalfejn l-attur għandu jingħata l-pussess tal-vettura in kwistjoni;

8. Is-seba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni Clifton Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur;

9. It-tmien talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni, Clifton Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur;

10. Id-disa' talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li jekk l-attur sofra xi danni, Clifton Piscopo mhux responsabbli għal tali allegati danni sofferti mill-attur;

11. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq elenkati, l-vettura in kwistjoni inxtrat skont il-liġi u skont il-prassi, u in bwona fede; tħallset u ġiet reġistrata mal-awtoritajiet kompetenti bl-akbar mod regolat u miftuħ, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat illi minkejja l-intimat Joraslav Starjat huwa debitament notifikat[1], baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ.

[1] Fol. 167.

Ikkunsidrat:

Skont l-**Art. 558 tal-Kodiċi Ċivili** hija r-regola ġenerali li:

> (1) Għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, jew titoli għall-purtatur, il-pussess għandu, favur **it-terzi ta' bona fidi**, l-effett stess tat-titolu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra għal dawk li huma bastimenti.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għal universalità ta' ħwejjeġ mobbli.

Imbagħad l-**Art. 559 tal-istess Kodiċi** jaqra hekk:

> **559.** (1) Iżda, dak li jkun tilef il-ħaġa, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi jindennizza lill-pussessur.
>
> (2) Jista' wkoll jitlobha lura mingħajr l-obbligu li jindennizza lill-pussessur **meta dan ma jkunx ħadha** b'bona fidi, b'titolu oneruż, **mingħand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-ħaġa.**

Bħala sorsi tal-Art. 558, **Dingli**[2] jiċċita l-Art. 2279 tal-Kodiċi Franċiż[3], Art. 2183 Dritt Sqalli, Art 2411 Kodiċi Albertin, Art. 2369 ta' Parma, u 707 tal-Kodiċi Ċivili Taljan (tas-sena 1865).

Skont Art. 2276 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż:

> **En fait de meubles, la possession vaut titre.**
>
> Neanmoins, celui qui a perdu ou auqel il a ete' vole' une chose, peut la revendiquer pendent trois ans, a` compter du jour de la perte ou du vol, contre celui dans le mains duquel il la trouve; sauf a` celui-ci son recours contre celui duquel il la tient.

Skont Art 1153 tal-Codice Civile Italiano (1942):

---

[2]Sir Adrian Dingli, Appunti, Art. 253, 254 (illum 558 u 559).
[3]Illum iġib in-numru 2276.

> Colui al quale sono alienati beni mobile da parte di chi non ne e` proprietario, ne acquista la proprieta` mediante il **possesso, purche` sia in buona fede** al momento della consegna e sussista un titolo idoneo al trasferimento della proprieta`.

**Fil-kodiċi Franċiż m'hemmx ir-rekwiżit tal-bona fidi**; li ddaħħal wara f'kodiċijiet oħrajn inklużi l-Kodiċi Taljan u dak Malti.

L-imsemmi Art. 558(1) iniedi r-regola ġenerali li pussessur in bona fidi ta' mobbli huwa sidha. Art. 559 jagħmel eċċezzjoni għal din ir-regola meta l-ħaġa tkun ġiet mitlufa jew misruqa, f'liema każ is-sid oriġinali jista' jeħodha lura u jagħti indennizz lill-pussessur jekk dan ikun in bona fede; u jeħodha lura bla ma jagħtih xejn jekk ikun in mala fede u b'titlu oneruż.

Fil-każ preżenti, il-vettura la nsterqet u lanqas intilfet; ttieħdet bi frodi. Iqum il-kweżit jekk dan jekwivalix għal serq, għall-fini tal-Art. 559. Fid-dottrina Taljana, taħt il-Kodiċi tal-1865, kien hemm ħsibijiet diverġenti dwar dan. Hemm awturi li jagħtu nterpretazzjoni estensiva,[4] iżda skont dik maġġoritarja[5], ir-risposta hija fin-negattiv, anke għaliex l-Art. 559 huwa eċċezzjoni għar-regola u għalhekk irid jiġi nterpretat b'mod strett; l-eċċezzjonijiet jagħmilhom biss il-leġislatur.[6] Fil-fehma ta' din il-Qorti, għandha tiġi segwita l-opinjoni maġġoritarja. Għalhekk l-Art. 559 mhux applikabbli għall-każ preżenti. Din l-eċċezzjoni tneħħiet mit-test tal-kodiċi Taljan tal-1942.

Skont il-liġi[7], il-bwona fede hi preżunta, u min jallega l-mala fede għandu jippruvaha. "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze

---

[4]Touiller, Chardon, Vidari, u Tartufari.
[5] Duranton, Baudry-Lacantinerie, Laurent, Marcade`, Ricci, Pacifici Mazzoni. Iċċitati b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell in re: Carmelo Spiteri v Joseph Fenech 27.02.1959 (Anthony Mamo, A.J. Montanaro Gauci, W. Harding) XLIII.i.146.
[6]Laurent, Principi di Diritto Civile, Vol 32, para.595.
[7]Art 569 illum Art. 532.

ineluttabili ed affatto non equivoche”.[8] Is-sempliċi negliġenza mhix biżżejjed: “ La negligenza che l’acquirente abbia commesso nell’indagare la qualita` del possesso dell’alienante non lo induce in mala fede”.[9]

Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ġenerali ta’ x’inhi bona fidi, għalkemm tinstab definita għall-fini ta’ istituti partikolari. Hekk il-liġi tiddefenixxi x’inhu **pussess** in bona fede:

> **531.** (1) Persuna li, għal raġunijiet li għandhom mis-sewwa, taħseb li l-ħaġa li tippossjedi hija tagħha, hija pussessur ta’ bona fidi.
>
> (2) **Min jaf, jew minħabba ċ-ċirkostanzi għandu jaħseb li l-ħaġa li jippossjedi hija ta’ ħaddieħor,** huwa pussessur ta’ mala fidi.

Il-liġi tiddefenixxi l-bona fede għall-fini ta’ akkwist ta’ oġġett minn terz, kif jidher mill-Art. 559(2) suċċitat, li kif rajna, jitratta l-eċċezzjoni għar-regola, kif ukoll fl-Art. 531. Għalkemm din il-kwalifika ma nsibuhiex fl-Art. 558, li jniedi r-regola, il-Qorti ma tarax għaliex m’għandhomx jiġu applikati l-istess kriterji ta’ bona fidi għar-regola.

Fl-**Art. 1147 para 2 tal-Kodiċi Ċivili Taljan**, jingħad li

> “La buona fede non giova se la ignoranza dipende da colpa grave”.

**Ikun hemm kolpa gravi meta persuna ma tiħux dawk il-prekawzjonijiet imposti minn diliġenza minima; meta persuna taġixxi b’mod leġġer għall-aħħar, meta l-persuna tista’ tinduna bl-eżistenza tad-dritt ta’ ħaddieħor miċ-ċirkostanzi li jkunu**:

---

[8]Borg v Grech 30.01.1869, ċitata fis-sentenza a Vol. XXIX.ii.153.
[9] Fadda, art. 707-709, nri. 247, 236, 248, 249 iċċitat minn Carmelo Spiteri v Joseph Fenech 27.02.1959 (Anthony Mamo, A.J. Montanaro Gauci, W. Harding) XLIII.i.146.

> Serie, concrete e non meramente ipotetiche, cioe` ben capaci di suscitare nel compratore non il mero sospetto ma il dubbio grave di una situazione illegittima, non la semplice supposizione ma la perplessita` tra due opposti convincimenti, entrambi possibili, l'acquirente deve indagare sulla legittimita` o meno della provenienza del bene, eliminando cosi` l'ignoranza a favore della certezza.

M'hemmx għalfejn isiru riċerki approfonditi, imma jinħtieġ isiru verifiki li jinħtieġu diliġenza minima.[10]

Il-konvenut Clifton Piscopo kien jaf li min kien qiegħed ibiegħlu ma kienx is-sid. Minkejja dan huwa qagħad fuq il-kelma tiegħu li kien awtorizzat ibiegħ minn sid il-vettura, minkejja li kien persuna ta' nazzjonalita` barranija mhux magħrufa minnu. Din hija negliġenza mhux żgħira. Speċjalment tenut kont li kien qiegħed jixtri vettura ta' valur sostanzjali. L-attitudni leġġera tirriżulta wkoll mill-mod kif ħuħ Brandon Piscopo ffirma bħala xhud tal-firem, inkluż dik tas-sid li ma kienx preżenti meta ffirma u qatt ma ltaqa' miegħu. Kull ma kellu jagħmel kien li jitlob li jikkuntattja lis-sid sabiex jivverifika li tassew ried ibiegħlu l-vettura.

Il-konvenut Clifton Piscopo ppreżenta dokument li jgħid li qed jixtri l-vettura għal €22,000 u li mħallas fl-intier tiegħu bil-firma ta' Jaroslav Starjat fuqha. Dan id-dokument ġie mogħti lill-Awtorita' tat-Trasport meta sar it-trasferiment tal-vettura.[11]

In sostenn tal-premessi bażi tat-talbiet tiegħu, l-attur jiċċita sentenza tal-

---

[10]Qorti tal-Kassazzjoni 4328/1997 iċċitata fi Proprieta` e Diritti Reali, III, Azioni petitorie – Servitu`- Possesso – Usucapione – Azioni Possessorie fil-kullana Il Diritto Privato nella Giurisprudenza a cura di Paolo Cendon (2012) para 13.3, paġna 427.

[11] Dok CP1 a Fol. 192.

Prim'Awla[12] in re: **Camilleri v Awtorita` tat-Trasport** ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

F'dik il-kawża, ċerta Alexia Cross li kellha fil-pussess tagħha żewġ vetturi li kriethom mingħand sidhom, marret għand l-Awtorita`, iffalsifikat il-firma tal-attur; ħalfet li tilfet il-*log-books* u l-Awtorita` ħarġet *log-book*s ġodda f'isimha. Hija mbagħad ittrasferiet il-vetturi lil Ray Auto Dealer Limited. Is-sid talab lill-Qorti tiddikjara li d-dokumenti pproċessati kienu nulli billi akkwistati b'ingann u frodi, tordna lill-Awtorita` tħassarhom, u tiddikjara li bl-aġir tagħha l-Awtorita` kkawżatlu danni. L-ewwel Qorti sabet li l-Awtorita` kienet negliġenti għaliex ma ġietx ivverifikata l-persuna li għamlet id-dikjarazzjonijiet; ma kienx hemm xhud tal-firma; ma ntalbitx il-karta tal-identita` tagħha; ma ġiex iċċekkjat min kien is-sid, u jekk il-firem kinux tassew tiegħu. Din kienet il-prassi tal-Awtorita`.

Ray Auto Dealer Limited appellat bl-aggravju li hi kienet akkwistat il-vettura in bwona fede fil-kors normali tan-negozju, bi prezz tajjeb, abbażi tal-log books maħruġin mill-Awtorita`. Il-Qorti tal-Appell qalet li ma kellhiex dubju li din is-soċjeta` kienet xtrat in bwona fede; iżda l-Art. 558 u 559 tal-Kodiċi Ċivili ma kinux japplikaw għaliex ma kinux jaqgħu fil-parametri tat-talbiet, li kienu limitati għat-tħassir tal-*log-books*. Minkejja l-bona fede tagħha, "id-dokumenti xorta waħda jibqgħu vizzjati bil-qerq u bħala tali jirrendu monk u illeċitu l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ li daħlet għalih is-soċjeta` appellanti".[13]

Fil-każ preżenti, il-bejgħ ukoll ivvizjat bil-qerq tal-konvenut Jaroslav Starjat u li dan għandu jwassal għat-tħassir tat-trasferiment minn fuq il-logbook tal-vettura in kwistjoni.

[12]John Mary Camilleri v L-Awtorita`dwar it-Trasport ta' Malta 02.10.2012 ikkonfermata fl-appell fit-28 t'April 2017
[13]Para 20 tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Fil-każ preżenti, il-Qorti ma ssibx negliġenza mill-Awtorita`. Din qagħdet fuq ix-xhud tal-firma. Qalet li xhud jista' jkun bniedem li ma jafx lill-partijiet, "jista' jkun terz... jista' jkun bniedem għaddej f'nofs ta' triq li għamel xhud tal-firma li qed jara dawn iż-żewġ individwi jiffirmaw u jikkonferma l-identita` tagħhom.."[14] Ġie spjegat minn rappreżentant tal-Awtorita`, li biex vettura tiġi trasferita minn persuna għal oħra jkun hemm bżonn li l-*log-book* jiġi ffirmat minn min qiegħed ibigħ u min qiegħed jixtri quddiem xhud tal-firem. Ġie spjegat illi dan il-proċess ma tidħolx fih l-Awtorita` għaliex fil-*log-book* hemm miktub li x-xhud tal-firem qed jidħol responsabbli għal-verifika tal-identita` tal-partijiet li ffirmaw quddiemu. Ġie spjegat ukoll illi fuq il-*log-book* hemm dikjarazzjoni illi mhux bilfors qed juri s-sid tal-vettura. L-Awtorita` tieħu ħsieb biss ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura biss u ma tidħolx fil-merti tal-bejgħ u xiri. F'dan il-każ iżda, b'differenza mis-sentenza ċċitata, l-Awtorita` m'għandha l-ebda tort għaliex talbet u kisbet l-awtentikazzjoni tal-firma.

Clifton Piscopo aġixxa b'leġġerezza grossolana u għalhekk ma jistax jingħad li akkwista l-vettura *de quo* in bwona fede.

L-hekk imsejħa danni li qiegħed jitlob l-attur huma spejjeż ġudizzjarji.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħrajn safejn mhumiex kompatibbli ma' din is-

---

[14] Ara xhieda ta' Brian Farrugia a fol. 208.

sentenza.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-bejgħ tal-vettura Mercedes Benz E220 AMG sport CDI llum għandha numru ta' reġistrazzjoni KAYDON 12, qabel b'numru ta' reġistrazzjoni kien JHN 055 liema vettura għandha kulur abjad, bis-saqaf iswed, għandha chassis number WDD 2120022B0161984 tip saloon, magna diesel, engine number 65192432346092 tas-sena ta' manifattura 2014 huwa null.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi kwalunkwe dokument li ġie pproċessat mill-konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta fil-konfront tal-vettura msemmija huwa null u bla effett stante li dan sar b'ingann u frodi.

4. Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex fi żmien qasir u perentorju tad-deċiżjoni tikkanċella kwalunkwe dokument li ġie pproċessat u li nħareġ fil-konfront tal-vettura imsemmija.

5. Tilqa' r-raba' talba billi tiddikjara li l-attur huwa s-sid tal-istess vettura.

6. Tilqa' l-ħames talba billi tawtorizzah jieħu lura l-pussess tagħha.

7. Tilqa' s-sitt talba billi tordna li l-istess vettura tiġi rilaxxata fil-pussess tal-attur.

8. Tiċħad is-seba', it-tmien u d-disa' talbiet.

Spejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid kawtelatorju, inklużi l-ispejjeż inkorsi sabiex saret l-elevazzjoni tal-vettura a kariku tal-konvenuti Jaroslav Starjat  u Clifton Piscopo f’ishma ndaqs bejniethom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA